

Brussell, 9 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

15233/23

POLCOM 263  
COMER 133  
UD 250  
COHOM 214

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

|                   |   |
|-------------------|---|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur   |
| data meta waslet: | 8 ta' Novembru 2023   |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea  |
| Nru dok. Cion:    | COM(2023) 694 final   |
| Suġġett:          | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW dwar l-attivitajiet u l-konsultazzjonijiet tal-Grupp ta' Koordinazzjoni Kontra t-Tortura msemmi fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-kummerç ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 694 final.

Mehmuż: COM(2023) 694 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.11.2023  
COM(2023) 694 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI**

**LILL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar l-attivitajiet u l-konsultazzjonijiet tal-Grupp ta' Koordinazzjoni Kontra t-Tortura  
msemmi**

**fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2019/125 dwar il-kummerç ta' ċerti oġġetti li jistgħu  
jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew  
degradanti oħra**

## 1. Introduzzjoni

L-Artikolu 31(4) tar-Regolament (UE) 2019/125 tas-16 ta' Jannar 2019 ("ir-Regolament") dwar il-kummerè ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra<sup>1</sup> jeżiġi li l-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-attivitajiet, l-eżaminazzjonijiet u l-konsultazzjonijiet tal-Grupp ta' Koordinament Kontra t-Tortura (Anti-Torture Coordination Group, ATCG). Ir-rapport ma jistax jikkomprometti l-interessi kummerċjali ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

Dan ir-rapport jipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-ATCG fl-2022.

## 2. Qafas regolatorju

L-objettiv tar-Regolament huwa li jimpedixxi l-piena kapitali, minn naħa waħda, u t-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra f'pajjiżi barra mill-UE, min-naħa l-oħra, billi jirrestrinġi l-kummerè ta' ċerti oġġetti. Jiddistingwi bejn:

- oġġetti li huma abbużivi b'mod inerenti u ma għandhomx jiġu kkummerċjalizzati għalkollox (l-Anness II); kif ukoll
- oġġetti li jistgħu jintużaw għall-fini ta' tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (l-Anness III) jew għall-fini tal-piena kapitali (l-Anness IV) iżda li jista' jkollhom ukoll użi leġittimi, bħal skopijiet ta' infurzar tal-liġi jew terapewtiċi.

Il-kummerè tal-oġġetti elenkati fl-Annessi II, III u IV huwa soġġett għal ċerti restrizzjonijiet. B'mod partikolari, ir-Regolament:

- i. jipprojbixxi l-importazzjonijiet fl-UE, l-esportazzjonijiet mill-UE u t-tranżitu mill-UE ta' oġġetti elenkati fl-Anness II, li ma għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-finijiet ta' piena kapitali jew tortura. Jipprojbixxi l-għoti ta' kwalunkwe assistenza teknika relatata ma' dawn l-oġġetti, inkluż taħriġ fl-użu tagħhom. Jipprojbixxi wkoll ir-reklamar ta' dawn l-oġġetti f'media stampata, fuq l-internet, jew fuq it-televiżjoni jew ir-radju, u l-wiri jew l-offerta għall-bejgħ tagħhom f'wirja jew f'fiera;
- ii. jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel, skont il-każ, għal esportazzjonijiet tal-oġġetti elenkati fl-Anness III, li jistgħu jintużaw għall-finijiet ta' tortura, iżda li jista' jkollhom użi leġittimi oħrajn (eż. għall-infurzar tal-liġi). Awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni minn qabel hija meħtieġa wkoll għall-forniment ta' assistenza teknika jew servizzi ta' senserija li jirrigwardaw din il-kategorija ta' oġġetti. L-Anness III ma jinkludix:
  - a) armi tan-nar soġġetti għar-Regolament (UE) Nru 258/2012<sup>2</sup>;

<sup>1</sup> ĠU L 30, 31.1.2019, p. 1. Billi ġie emendat diversi drabi, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerè ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1) ġie sussegwentement ikkodifikat bħala r-Regolament (UE) 2019/125.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 258/2012 tal-14 ta' Marzu 2012 li jimplementa l-Artikolu 10 tal-Protokoll tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-iffabbrakar illeċitu ta' u l-ittraffikar fl-armi tan-nar, il-partijiet, komponenti u ammunizzjoni tagħhom, li jissupplimenta l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità organizzata transnazzjonali (il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar) u li jistabilixxi awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni, u

- b) oġġetti b'użu doppju soġġetti għar-Regolament (UE) 2021/821<sup>3</sup>; jew
  - c) oġġetti soġġetti għat-termini tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK<sup>4</sup>; kif ukoll
- iii. jirregola l-kummerċ ta' oġġetti fl-Anness IV li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali (eż. permezz ta' injezzjoni letali), iżda li jistgħu jintużaw ukoll għal skopijiet terapewtiċi leġittimi. Għet introdotta awtorizzazzjoni għal liċenzja speċifika (Awtorizzazzjoni ġenerali għall-Esportazzjoni tal-Unjoni (general export authorisation, GEA)) biex tikkontrolla l-esportazzjoni ta' dawn l-oġġetti u tipprevjeni t-trasferiment tagħhom għall-użu f'eżekuzzjonijiet ta' injezzjoni letali, mingħajr ma tillimita l-kummerċ tagħhom għal skopijiet mediċi, veterinarji jew leġittimi oħrajn.

### 3. Attivitàjiet tal-Grupp ta' Koordinament Kontra t-Tortura

L-ATCG ġie stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2016/2134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> biex jeżamina mistoqsijiet li jirrigwardaw l-applikazzjoni tar-Regolament.

L-ATCG iservi bħala pjattaforma għall-esperti tal-Istati Membri u għas-servizzi tal-Kummissjoni biex jaqsmu l-informazzjoni dwar il-prattiki amministrattivi u jiddiskutu l-kwistjonijiet ta' interpretazzjoni tar-Regolament, il-kwistjonijiet tekniċi li jirrigwardaw l-oġġetti elenkati, l-iżviluppi marbuta mar-Regolament, u kwalunkwe kwistjoni oħra li tista' tinqala'. Il-Kummissjoni tikkonsulta wkoll lill-ATCG meta tnejn atti delegati, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>6</sup>.

L-ATCG iltaqa' żewġ darbiet fl-2022, fit-12 ta' Mejju u fl-1 ta' Diċembru, b'mod virtwali, biex isir skambju ta' informazzjoni dwar diversi kwistjonijiet (miġbura fil-qosor hawn taħt) rigward l-implimentazzjoni tar-Regolament.

#### 3.1 Żviluppi li jirrigwardaw l-att bażiku

L-ebda att delegat li jemenda r-Regolament ma ġie adottat fl-2022.

#### 3.2 Informazzjoni dwar il-kummerċ: rapportar tad-data

Il-Kummissjoni ppreżentat is-sitwazzjoni tal-mument fir-rigward tar-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 26(3) tar-Regolament. B'mod partikolari, ġiet ippreżentata d-data tal-2021 mill-awtoritajiet kollha fl-Istati Membri kif ukoll mir-Renju Unit<sup>7</sup>, li tikkostitwixxi l-bażi għat-tnejn mill-Kummissjoni tar-rapport annwali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-

---

miżuri rigward l-importazzjoni u t-tranżitu għall-armi tan-nar, il-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-ammunizzjoni (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-senserija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni) (ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1).

<sup>4</sup> Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99).

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/2134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra (ĠU L 338, 13.12.2016, p. 1).

<sup>6</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

<sup>7</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/125 huwa inkluż fl-Anness 2 tal-Protokoll dwar l-Irlanda ta' Fuq (il-Punt 47 u Oħrajn), ĠU L 29, 31.1.2020.

Kunsill. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni dwar id-data kummerċjali f'dak ir-rapport ladarba ġie adottat<sup>8</sup>.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-ATCG għall-fatt li huwa obligatorju għall-awtoritajiet kompetenti li jinnotifikaw meta jinħarġu  ahdjet permezz tas-Sistema Elettronika għall-Oġġetti b'Użu Doppju (Dual-Use Electronic System, DUeS).

### **3.3 Grupp informali ta' esperti tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni kompliet tinforma lill-ATCG dwar l-attivitajiet tal-grupp informali ta' esperti ffurmat skont il-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami tagħha<sup>9</sup>. Il-grupp informali jiġbor flimkien perspettivi differenti (eż. promozzjoni, infurzar tal-liġi, riċerka, u dwana). Il-funzjoni tiegħu hija strettament konsultattiva u komplementari għal dik ipprovduta mill-ATCG.

Matul l-2022, l-ATCG ġie infurmat dwar id-deliberazzjonijiet fi ħdan il-grupp informali ta' esperti relatati mal-proċess tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) lejn "Kummerċ Ħieles mit-Tortura" (ara l-punt 3.4 hawn taħt). B'mod partikolari, il-Kummissjoni infurmat lill-ATCG dwar is-sottomissjonijiet fil-kuntest tal-konsultazzjoni tal-Grupp ta' Esperti Governattivi tan-NU (UN GGE) u dwar standards internazzjonali possibbli f'dak il-qasam. Xi wħud mill-aspetti ewlenin ikkunsidrati mill-grupp informali kienu: korrispettiv kummerċjali f'merkanzija mfassla għall-piena tal-mewt fi ħdan il-proċess ġenerali, eżempji ta' Trattati u / jew Konvenzjonijiet Qafas li fuqhom jistgħu jiġu stabbiliti xi parallellizmi, il-ħtieġa li jinbena grad ta' flessibilit  biex jiġi  ġurat kunsens usa' dwar prinċipji / rekwiżiti essenzjali ewlenin, preferenza għal soluzzjonijiet li jinvolvu obbligi legalment vinkolanti kif ukoll il-ħtieġa għal aktar involviment ma' grupp wiesa' ta' pajjiżi.

### **3.4 Kummerċ liberu mit-torturi —  viluppi reġjonali u internazzjonali**

L-ATCG serva bħala pjattaforma għall-iskambju ta' informazzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar l-iżviluppi reġjonali u internazzjonali fil-qasam tal-kummerċ liberu mit-torturi.

Il-Kummissjoni aġġornat lid-delegati tal-ATCG dwar is-sottomissjoni tar-rapport finali tal-Grupp ta' Esperti Governattivi tan-NU (UN GGE)<sup>10</sup> adottat fit-30 ta' Mejju 2022. Ir-rapport tal-UN GGE indirizza s-suġġetti li ġejjin: (i) il-fattibilit  ta' standards internazzjonali komuni; (ii) il-kamp ta' applikazzjoni tal-oġġetti li għandu jiġi kkunsidrat; u (iii) l-abbozz ta' parametri għal firxa ta' għażliet biex jiġu stabbiliti standards internazzjonali komuni dwar il-kwistjoni.

L-UN GGE għamel proposti konkreti dwar il-kategoriji ta' oġġetti li jistgħu jiġu koperti u l-forom li jistgħu jieħdu l-istandards internazzjonali. Ir-rapport essenzjalment iddiskuta l-possibilit  li jiġu  viluppati standards fir-rigward ta' erba' kategoriji ta' oġġetti, jiġifieri:

- i. oġġetti li ma għandhom l-ebda użu prattiku ieħor ħlief għall-fini ta' tortura u trattament ħażin,

<sup>8</sup> COM(2022) 567 final, 31.10.2022.

<sup>9</sup> COM(2020) 343 final, 30.7.2020.

<sup>10</sup> L-esperti governattivi mill-10 Stati li ġejjin inħatru mis-Segretarju Ġenerali f'Lulju 2021: Il-Kamerun, il-Kosta tal-Avorju,  ipru, id-Danimarka, l-Ekwador, l-Estonja, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, Singapore u l-Urugwaj.

- ii. oġġetti li jistgħu jintużaw għat-tortura u t-trattament ħażin,
- iii. oġġetti li ma għandhom l-ebda użu Prattiku ieħor ħlief għall-fini tal-piena kapitali u
- iv. oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali.

Filwaqt li jirrikonoxxi n-nuqqas ta' kunsens fost l-esperti governattivi tan-NU fir-rigward tal-kummerċ ta' oġġetti użati għall-piena kapitali, ir-rapport jissuġġerixxi li dawn jiġu trattati separatament permezz ta' mekkaniżmu ta' "inklużjoni fakultattiva". Barra minn hekk, ir-rapport jagħmel argument konvinċenti biex l-Assemblea Ġenerali tan-NU twaqqaf grupp ta' ħidma biex iħejji standards internazzjonali dwar il-kummerċ ħieles mit-tortura.

L-ATCG irċieva wkoll preżentazzjoni minn esperti mistiedna minn Amnesty International u Omega Research Foundation biex jippreżentaw il-ħidma tagħhom ta' riċerka u promozzjoni biex jappoġġaw l-istabbiliment ta' Trattat dwar il-Kummerċ Ħieles mit-Torturi fil-kuntest tal-kampanja tas-soċjetà ċivili "*Nipproteġu l-protesta*". Dan jinkludi sforzi ta' sensibilizzazzjoni biex l-Istati jiġu involuti fl-iżvilupp ta' kontrolli reġjonali u internazzjonali u biex jiġi appoġġat il-proċess tan-NU li qed jiġi appoġġat minn network ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-esperti mistiedna ppreżentaw: (1) ix-xejriet osservati f'dawn l-aħħar snin ta' tortura ekstrakustodjali u trattament ħażin, fil-kuntest tar-repressjoni ta' protesti paċifiċi, li hija kkombinata ma' leġiżlazzjoni restrittiva, detenzjoni arbitrarja, kriminalizzazzjoni tal-protesti, sorveljanza illegali tal-massa u mmirata u użu u kummerċ illegali f'tagħmir inqas letali, u (2) il-fehmiet tagħhom tal-elementi essenzjali ta' kwalunkwe Trattat dwar il-Kummerċ Ħieles mit-Torturi biex jgħinu fil-prevenzjoni tat-tortura u ta' trattament ħażin ieħor permezz tal-istabbiliment ta' standards internazzjonali b'saħħithom.

### 3.5 Kwistjonijiet oħrajn

Barra minn hekk, l-ATCG ħa konjizzjoni dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

- il-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna

Minħabba l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u ż-żieda fir-repressjoni interna tal-avversarji għall-gwerra, l-ATCG innota l-ħtieġa għal aktar kawtela fir-rigward tal-awtorizzazzjoni ta' talbiet possibbli għall-esportazzjoni lejn ir-Russja jew il-Belarusja ta' oġġetti elenkati fir-Regolament, b'mod partikolari oġġetti għall-infurzar tal-liġi u / jew għall-kontroll tal-irvellijiet. F'dak ir-rigward, l-ATCG ġie infurmat li l-lista ta' oġġetti ristretti li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha ġiet estiża. Il-lista tinkludi ċerti komponenti elettroniċi, sustanzi kimiċi u oġġetti addizzjonali li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, għat-tortura jew għal trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor.

- L-Iran

Filwaqt li nnotat iż-żieda allarmanti fil-qtil illegali u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem (minn meta faqqgħu protesti f'nofs Settembru 2022, b'rapporti kredibbli ta' skjerament illegali ta' forza letali, iżda wkoll rikors għall-piena tal-mewt bħala għodda ta' intimidazzjoni u repressjoni politika) fl-Iran, il-Kummissjoni ssottolinjat il-ħtieġa għal aktar kawtela meta jintlaqgħu talbiet possibbli għall-esportazzjoni lejn l-Iran ta' oġġetti elenkati fir-Regolament, b'mod partikolari oġġetti għall-infurzar tal-liġi u / jew għall-kontroll tal-irvellijiet.

